*- RIPREZA LURA TA' ART -*

*-ART 535 (1) TAL-KAP 16 -*

*- TERMINU TA' DEKADENZA APPLIKABBLI BISS F'AZZJONI TA' SPOLL -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' Lulju, 2001**

**Kawza Numru: 5**
**Citazzjoni Numru: 2146/95RCP**

**Constantino Azzopardi.**

**vs**

**Joseph Xerri, Josette mart Anthony Bellia u Georgina mart Joseph Gauci, ahwa Xerri.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-attur ghandu bi qbiela minghand l-konvenuti bicca raba' mill-ghalqa msejjha "Ta Misluta" u "Tal-Ghonoq" fil-kontrada "Tas-Sghajtar" limiti tan-Naxxar, originarjament tal-kejl komplessiv ta' cirka tmient' itmiem u nofs (8 ½T) ekwivalenti ghal cirka 7563.52 m.k.

Illi bis-sahha ta' sentenza moghtija mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', fl-14 ta' Lulju 1989, wara l-kawza fl-ismijiet "Joseph Xerri, Josette mart Anthony Bellia u Georgina mart Joseph Gauci, ahwa Xerri -vs- Constantino Azzopardi" Rikors Numru 3/87 B, hawn annessa Dok. "X", l-Bord awtorizza lill-konvenuti, allura rikorrenti, ahwa Xerri jirriprendu dik il-parti mill-imsemmija ghalqa ossia raba' imsejjha "Ta Misluta" u "Tal-Ghonoq" fil-kontrada "Tas-Sghajtar" limiti tan-Naxxar, li kienet koperta bil-permessi tal-bini, skond pjanta esebita fl-atti tal-istess kawza, fil-waqt li ordna li l-kirja tibqa' veljanti favur l-attur relattivament ghall-bqija tal-istess raba'.

Illi meta l-konvenuti ezegwew din is-sentenza tal-Bord huma effettivament hadu porzjon akbar tar-raba' minn dak li kienu awtorizzati li jirriprendu bis-sahha tas-sentenza tal-Bord fuq imsemmija u dan kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk l-attur gie spossessat mill-konvenuti minn porzjoni ta' raba' akbar minn dik li l-konvenuti gew awtorizzati li jirriprendu bil-precitata sentenza.

Illi nonostante diversi talbiet mill-attur lill-konvenuti biex jigi reintegrat fil-pussess tal-estensjoni kollha tal-art li baqghet lilu imqabbla skond ic-citata sentenza, dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti hadu porzjoni akbar tar-raba' minn dik li gew awtorizzati jirriprendu kif premess, occorendo jekk ikun il-kaz wara li tigi stabbilita dik il-porzjoni tar-raba' li l-konvenuti effettivament hadu zejjed bi ksur tal-precitata sentenza u bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-attur:-

(1) M'ghandomx jigu kkundannati minn din il-Qorti jirrentigraw lill-attur fil-pussess ta' l-estensjoni shiha ta' l-art li baqghet lilu mqabbla kif premess, u dan f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss ghal dan l-iskop, taht id-direzzjoni ta' periti nominandi u taht is-sanzjoni tad-disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-istess Qorti f'kaz ta' inadempjenza da parte tal-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Illi fl-ewwel lok it-talba tal-attur hija insostenibbli fid-dritt stante d-dekadenza *ai termini* tal-artikolu 535 (i) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Illi fit-tieni lok u fil-meritu t-talba tal-attur hija infondata bhala fatt peress illi mhux minnu li l-eccipjenti ppussessaw ruhhom minn art akbar minn kif kienu awtorizzati mis-sentenza indikata.

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 15 u 16 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' April 1996, 14 ta' Ottubru 1996 fejn gie nominat mill-Qorti l-Perit Tekniku AIC Rene' Buttigieg sabiex jirrelata specifikament jekk il-konvenuti wara s-sentenza tal-Bord tal-Qbiela approprijawx ruhhom minn parti tar-raba' mikri lill-attur li mhix kolpita bis-sentenza tal-istess Bord u dan a spejjez provizzorji tal-istess attur; tas-17 ta' Frar 1997, 2 ta' Gunju 1997, 27 ta' Ottubru 1997, 16 ta' Jannar 1998, 30 ta' Marzu 1998, 17 ta' April 1998, 26 ta' Gunju 1998, 15 ta' Jannar 1999, 16 ta' Gunju 1999, 11 ta' Ottubru 1999, 16 ta' Frar 2000, 10 ta'

Mejju 2000, 11 ta' Ottubru 2000, 30 ta' Jannar 2001, 12 ta' Frar 2001, 26 ta' Frar 2001, u 13 ta' Marzu 2001 fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport minnu prezentat.

Rat ir-relazzjoni peritali datata 17 ta' Ottubru 2000 u mahlufa fit-13 ta' Marzu 2001 a fol. 49 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghad-29 ta' Marzu 2001 ghall-ezami tar-rapport.

Rat is-seduta tad-29 ta' Marzu 2001 fejn deher biss Dr. Raphael Fenech Adami ghall-konvenut li irrimetta ruhu ghar-rapport, u l-attur u d-difensur tieghu msejjhin tlett darbiet baqghu ma dehrux u ghalhekk il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2001.

Rat ix-xhieda migjuba quddiem il-Perit Tekniku u l-verbal tal-11 ta' Mejju 1998 fejn l-attur talab li l-perit tekniku jiehu konjizzjoni tal-process tar-rikors indikat Numru 3/87/B fl-ismijiet "Joseph Xerri et vs Constantino Azzopardi" u peress li jidher li l-konvenuti ma opponewx ghall-istess talba, kif jidher minn verbal ta' Dr. Raphael Fenech Adami ghall-konvenuti fl-istess seduta, din il-Qorti qed tordna l-allegazzjoni tal-istess atti mal-process ta' din il-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur istitwixxa din il-kawza stante li qed jallega li l-konvenuti meta ezegwew is-sentenza tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' datata 14 ta' Lulju 1989 fl-ismijiet "Joseph Xerri, Josette mart Anthony Bellia u Georgina mart Joseph Gauci, ahwa Xerri -vs- Constantino Azzopardi" Rikors Numru 3/87 B, annessa bhala Dok. "X", huma effettivament hadu porzjon akbar tar-raba' minn dak li kienu awtorizzati li jirriprendu bis-sahha tas-sentenza tal-Bord fuq imsemmija bil-konsegwenza li l-attur gie spossessat mill-konvenuti minn porzjoni ta' raba' akbar minn dik li l-konvenuti gew awtorizzati li jirriprendu bil-precitata sentenza, u ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jirreintegrawh fil-pussess tar-raba' li baqghet ghandu bi qbiela b'kawza tal-istess decizjoni citata.

Illi l-konvenuti ikkontestaw l-istess u din il-Qorti diversament presjeduta innominat lill-perit tekniku A.I.C. Rene' Buttigieg sabiex jirrelata specifikament jekk il-konvenuti wara s-sentenza tal-Bord tal-Qbiela approprijawx ruhhom minn parti tar-raba' mikri lill-attur li mhix kolpita bis-sentenza tal-istess Bord.

Illi bis-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' datata 14 ta' Lulju 1989 laqghet it-talba tar-rikorrenti, l-konvenuti odjerni, sabiex jirriprendu l-pussess ta' parti mir-raba' imqabbla ghand l-attur limitatament ghal dik il-parti li fir-rigward taghha nhargu l-permessi tal-bini u dan skond

pjanta approvata mill-Awtoritajiet kompetenti li teffetwa cirka nofs tomna mill-ghalqa inkwistjoni, b'dan li l-qbiela tigi mgedda ghall-bqija.

Illi l-attur odjern fil-fatt allega li l-fond tal-bini propost kellu jkun ta' fond ta' mija u hamsa u hamsin pied (155').

Illi mir-rapport peritali u minn ezami li ghamel l-istess perit tekniku fuq il-fond *de quo* u dan abbazi anke tal-pjanti esebiti a fol 58 u 59 tal-process l-istess perit tekniku irrelata b'dan il-mod, anke wara li ezamina l-pjanti tal-permessi tal-bini relattivi:-

*"Illi mill-qisien li jirrizultaw mill-pjanta esebita, il-fond tal-bini propost, kif kopert mill-permessi, huwa ta' mija sitta u tmenin pied (186') konsistenti minn mija wiehed u sittin pied bini (161'), hmistax (15') il-pied 'front garden' u ghaxar (10') piedi bitha fuq wara imposta mal-approvazzjoni tal-pjanta."*

*"Illi ghalhekk l-pretensjoni attrici li l-konvenuti spossessawh minn porzjoni ta' raba' akbar minn dik li huma gew awtorizzati li jirriprendu bis-sentenza precitata, mhix ibbazata".*

Illi fid-dawl ta' dan ma hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici ma jistghux jigi milqugha stante li l-allegazjonijiet tieghu ma gew bl-ebda mod ippruvati, anzi jista' jinghad li skond ir-rapport tal-perit tekniku li lanqas biss gie kontestat mill-

attur, l-istess allegazzjonijiet huma kollha kemm huma bla ebda bazi fattwali stante li l-konvenuti hadu biss mir-raba originarjament imqabbla lill-attur biss dik il-parti lilhom awtorizzata bis-sentenza tal-Bord tal-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' li jirriprendu l-pussess taghha skond il-permessi tal-bini approvati.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar id-dekadenza tal-azzjoni attrici skond l-**artikolu 535 (1) tal-Kap 16,** ma jirrizultax li din l-eccezzjoni hija applikabbli ghall-kaz *de quo* stante li l-azzjoni presentata mill-attur ma hijiex azzjoni ta' spoll privilegjat u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda. Illi apparti dan u bla pregudizju ghall-premess ma ingabet ebda prova dwar minn meta ghandu jiddekorri l-istess terminu citat fl-artikolu imsemmi u ghalhekk anke kieku l-istess artikolu kien applikabbli ma saret ebda prova dwar l-istess li tinkombi fuq min jecceppixxi l-istess terminu ta' dekadenza.

Illi ghalhekk filwaqt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda, it-talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti milqugha.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-

konvenuti u tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fil-mertu, **tichad t-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**4 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**4 ta' Lulju, 2001**